


HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn Kullimkien

IT-TMIEN SENA Nru. 47

MEJJU/ĠUNJU 1979

HARGA SPECJALI TAL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA 1979

EDITORJAL

KIF NIFIRHU - HEMM MOD U MOD

Nistgħu ngħidu li kull bniedem għandu d-dritt jifraħ u li jesprimi dan il-ferħ intern minn barra. B'hekk aktarx il-ħajja nsibuha aktar faċli, għax għalkemm dan il-ferħ ta' ftit żmien ma jsolvix il-problemi kurrenti li jkollna, iġegħelna naljenaw ftit rasna u ninsew ix-xogħol, xi problemi fil-familja jew xi oħra personali li tkun ittambar il-ħin kollu fil-menti tagħna. Din it-tnessija għal ftit żmien lanqas bilfors inħarsu lejha bħala 'escapism', għalkemm forsi tkun xi ftit hekk ukoll. Iżda xi kultant jagħmel tajjeb għall-moħħ u l-ġisem li wieħed minflok ma joqgħod jinkwieta żżejjed fuq problema diffiċli li jidher li dak il-ħin ma jkollhiex soluzzjoni, iwarrabha ftit u b'hekk il-moħħ wara li jkun straħ ikun aktar dispost li jerġa' jiffaċċja dik il-problema jew problemi.

Dan li ktibna aktarx ixaqleb lejn il-psikoloġija, u forsi, tgħidu intom, x'għandu x'jaqsam mal-festa, għax aħna mdorrija niktbu editorjal fuq hekk fil-ħarġa speċjali tal-gazzetta. Il-festa tiġi biex għall-anqas darba jew għal ftit granet fis-sena nesprimu s-sentimenti ta' ferħ u devozzjoni f'ġieħ dik il-qaddisa jew dak il-qaddis.

Ma nixtieqx nitkellmu iżda fuq is-sentimenti tad-devozzjoni. Din il-ħaġa nħalluha f'idejn il-kap spiritwali tar-raħal, iżda fuq dawk li aħna nsejħulhom il-festi esterni, għax hemm mod u mod kif nifirħu. Forsi hemm min jaħseb li llum il-festi popolari ta' l-ibliet u l-irħula tagħna m'għadx hawn lokhom, għax igħidulek li llum il-poplu biex jiddeverti ma joqgħodx jistenna t-tlettijiem tal-festi. Dan hu veru, iżda ma ninsewx li l-festi huma tradizzjonijiet reliġjużi u folkloristiċi li jagħtu ħajja lill-irħula darba fis-sena u m'hemm xejn x'juri li l-poplu m'għadux iridhom, anzi forsi l-festi aktar qed jikbru minħabba wkoll il-parteċipazzjoni ta' eluf ta' turisti.

Inċidenti serji kienu wisq aktar komuni meta l-piki bejn il-każini kienu fl-aqwa tagħhom u b'hekk bosta kienu jitilfu rashom. Illum il-piki naqsu sewwa, u aktarx noqogħdu madwar mejda waħda naraw kif ser niftiehmu milli nitilfu ż-żmien fit-tgħajjir u l-ġlied bla sens.

Kultant, daqsxejn tal-pika li fadal bejn l-irħula pjuttost hija inċentiv biex il-partitarji, kemm min jieħu ħsieb l-armar, id-dawl jew in-nar, jirsistu aktar, għalkemm kull attività u kull spiża għandha tkun ikkontrollata.

Kemm hija ħaġa sabiħa li għal dawk il-jiem tal-festa tara r-raħal magħqud bħal familja kbira; kulħadd jifraħ mal-familja tiegħu u billi jilqa' f'daru lil niesu u 'l ħbiebu; b'dik l-ikla kbira tradizzjonali ta' nhar il-festa; billi oħrajn jifirħu ma' sħabhom fil-każini u fil-ħwienet tax-xorb, għaliex le, forsi wkoll jekk wieħed jixrob xi grokk żejjed; billi jsir il-briju fil-marċijiet li, kif niċċelebrawhom aħna bħala wieħed mill-popli tal-Mediterran, juru l-ispirtu ferrieħi u allegru tagħna, bħalma juru t-Taljani u l-Ispanjoli; billi nifirħu bix-xogħol tan-nar li tant hu popolari fostna.

Jekk dawn l-affarijiet nagħmluhom kif għandna nagħmluhom u nżommu dejjem sens ta' proporzjon u moderazzjoni, il-festa nistgħu ngħidu li tkun tassew irnexxiet. Jekk, min-naħa l-oħra biex niddevertu nesaġeraw fl-imġiba personali ma' l-oħrajn billi, per eżempju, niskru jew nitkellmu ħażin jew nidgħu, inkunu qed naqbżu l-limiti u barra li nkunu niksru l-liġi nkunu qed naqgħu għaċ-ċajt u ż-żufjett ma' min jarana u jismagħna.

Hemm dawk minna li min-natural tagħhom stess huma aktar mogħtija għal dawn l-affarijiet, b'mod speċjali meta jkunu in bella kumpanija kif inkunu fil-festa; iżda tajjeb niftakru li t-tlett ijiem tal-festa ma jagħtu ebda liċenzja speċjali biex bl-imġiba tagħna ndejqu 'l ħaddieħor u aktarx nispiċċaw ħażin aħna stess.

Mela nifirħu, Balzanin, kif għandna nifirħu, u ngħallmu 'l uliedna, l-aktar bl-eżempju tagħna, li nistgħu xorta nifirħu, anzi nifirħu aktar ġenwinament, meta nkunu moderati f'kollox u dejjem.

SILTIET MILL-PROGRAMM TAL-FESTA


Il-Hadd, I ta' Lulju:
8.15 p.m. Ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa.
Programm mużikali u logħob tan-nar.

It-Tlieta, 3 ta' Lulju:
6.30 p.m. Quddiesa għat-tfal; vestizzjoni ta' l-abbatini.

L-Erbgħa, il-Hamis, u l-Ġimgħa, 4, 5, u 6 ta' Lulju:
6.00 p.m. Għasar, Quddiesa bl-omelija, Kurunella, Innu, Litanija, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Jippriedka Dun Ġwann Sant B.A. Lic.D.
8.00 p.m. (Il-Ġimgħa) Marċi u logħob tan-nar.

Is-Sibt, 7ta' Lulju:
7.30 a.m. Quddiesa Kantata, Te Deum, Antifona.
9.15 a.m. Quddiesa għall-morda.
6.30 p.m. Translazzjoni, Quddiesa, Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
8.00 p.m. Marċi u programmi mużikali.
10.30 p.m. Murtali tal-kulur u logħob tan-nar.

Il-Hadd, 8 ta' Lulju:
8.45 a.m. Quddiesa Pontifikali Solenni.
Paneġierku minn Dun Angelo Vella.
10.00 a.m. Marċi
5.30 p.m. Marċi u programmi mużikali.
6.30 p.m. Għasar, Purċissjoni, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Imexxi Mons. Gius. Minuti.
10.30 p.m. Logħob tan-nar u marċi.



Il-Knisja Parrokkjali mżejna għall-festa titulari ta' Marija Annunzjata. Ritratt antik ta' qrib il-bidu tas-seklu, li juri kif kienet il-knisja tagħna qabel sar tibdil fil-prospettiva tal-Kor u fl-artal ta' San Mikiel, tibdil li kiteb dwaru Dun Ġwann Dimech fl-artikoli tiegħu.

'ĦAL BALZAN'

Toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Qabel ma tela' s-sema Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu, u għalhekk anke lilna: "Inħallilkom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi". Dawn il-kelmiet ta' Ġesù nisimgħuhom ta' sikwit, u jidwu dejjem f'widnejna. Għal min irid jaħseb, dawn il-kelmiet għandhom messaġġ dejjiemi, messaġġ nisrani. Ma jistgħux ma jfakkruhx fil-messaġġ ta' l-Anġli dak in-nhar tat-twelid ta' Ġesù: "... sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba", kif ukoll fil-messaġġ l-ieħor mis-sema li ngħata lil Ommna Marija dak in-nhar tat-tħabbira tagħha mill-Arkanġlu: "Is-sliem għalik, mimlija bil-grazzja."

SLIEM. PAĊI. Kulħadd jixtiequ s-sliem, kulħadd jitniehed għall-paċi. Imma s-sliem, il-paċi mhix xi ħaġa li ssibha fuq l-għatba ta' darek... trid taħdem għaliha, trid titħabat, trid tistinka, tissagrifika ruħek. Biex issib is-sliem, il-paċi, trid tinsa lilek innifsek u taħseb f'għajrek, xbiha ta' Alla bħalek. Trid tiftakar il-ħin kollu li ħaddieħor għandu qalb li tħoss bħal tiegħek, u bħalek iħoss in-nuqqas ta' komprensjoni, l-ingratitudni, l-inġustizzja, il-mibegħda, l-ispirtu ta' vendikazzjoni, pika, għira.

Xi wħud fostna jaħsbu li l-paċi tikkonsisti fin-nuqqas ta' ġlied jew ta' gwerra. Imma ħafna jifhmu li din hija paċi negativa, li tnissel dik li jsejħulha l-"cold war', il-gwerra bierda. Il-paċi vera tikkonsisti fil-vera mħabba, fil-veru interess fil-ġid ta' l-oħrajn, anzi fil-ħidma bla waqfien għall-ġid ta' l-oħrajn.

Ġesù ġibilna miegħu l-vera paċi, għax ġie biex jaħdem għas-salvazzjoni tagħna, u għal dan il-għan issagrifika kulma kellu, lilu nnifsu.

Marija Santissima kellha l-veru sliem, il-vera paċi f'qalbha, għaliex għall-imħabba ta' Alla u ta' għajrha aċċettat li ssir l-Omm ta' dak li kellu jġib is-sliem fid-dinja, meta kienet taf li dan kien ser jiswielha s-sagrifiċċju ta' ħajjitha kollha, kien ser jagħmel minnha l-korredentriċi, l-Omm tat-tbatija.

Fil-festa ta' Marija Annunzjata, li dalwaqt niċċelebraw kif jixraq, ejjew naħsbu fil-paċi li ġibitilna Marija bil-"Fiat" u bl-"Ecce ancilla Domini". Ejjew ngħidu aħna wkoll lill-Mulej li rridu nkunu tabilħaqq strumenti ta' paċi u sliem għal ħutna l-bnedmin. Ejjew nagħmlu mill-festa okkażjoni ta' għaqda, paċi u sliem għall-parroċċa tagħna kollha. Ħalli nieħdu sehem sħiħ fil-festa, imma l-aktar li għandna nieħdu sehem bil-qalb huwa fil-funzjonijiet tal-Knisja, u nersqu bis-sinċerità kollha lejn il-mejda tat-tqarbin, fejn Ġesù, Bin Marija, jagħtina s-sliem tiegħu, jimliena bil-paċi tiegħu.

Nixtiqilkom minn qiegħ qalbi l-FESTA T-TAJBA.

Kan. Karm Sciberras,
Kappillan.

LUCY MALLIA
GROCERY
76, BALZAN SQUARE,
BALZAN

RECIPES FROM MALTA
A GUIDE TO TRADITIONAL MALTESE COOKING
Ktieb ta' tisjir tradizzjonali Malti
Issibu mingħand:
MARY'S HOUSE
7, CASTILLE PLACE, VALLETTA
(Near Upper Barracca Gardens)
LEADING STORE IN MALTA LACE
MANUFACTURING
Souvenirs and Malta weave, Postcards, Ceramics,
Wooden Dgħajsas, Maltese National Dolls.
A VISIT IS SOLICITED Tel: 21337

IL-KNISJA PARROKKJALI (35)

SAN MIKIEL

IL-FESTA TA' SAN MIKIEL ARKANĠLU

Fil-ktieb ta' l-obbligi li għandha l-Parroċċa, fost il-festi msemmija nsibu dik ta' San Mikiel li ssir fil-ġurnata tal-festa, nhar id-29 ta' Settembru. Insibu li din il-festa kienet tikkonsisti fl-għasar ta' lejlet il-festa u quddiesa kantata nhar il-festa. Dan l-obbligu ġie impost minn waħda Pawlina mis-Siġġiewi u minn xi persuni oħra fis-sena 1663. (1).

Fl-istess ktieb insibu li l-artal għandu mħollija għaxart ewieq minn Ewġenja Bonnici u minn Randu, Orlandu jew Ferdinandu, Bonnici, it-tifel tagħha, minn Ħal Balzan, kif jidher fl-Atti tan-Nutar Tumas Cauchi tad-19 ta' Mejju 1682. (2)

Fl-1802 barra milli beda jissemma l-paneġierku li jsir nhar il-festa, fil-ktieb tal-kontijiet insibu l-ħruġ tal-flus għall-polvri, għall-maskli, is-suffarelli ta' l-arja u l-injam għall-illuminazzjoni. Dan juri li l-festa kienet bdiet tikber. (3)

Il-festa tas-sena 1858 kompliet tikber, għaliex bdew minn dik is-sena jsiru s-sekondi vespri ta' nhar il-festa, kif jixhed id-digriet ta' l-Arċisqof Gejtanu Pace Forno tat-2 ta' Settembru 1858. (4)

FESTA TAL-APPARIZZJONI TA' S. MIKIEL

Insibu li din il-festa ta' l-Apparizzjoni ta' San Mikiel Arkanġlu, qabel saret riforma tal-Kalendarju l-ġdid tal-Qaddisin, kienet tiġi ċċelebrata nhar it-8 ta' Mejju. Insibu fil-ktieb ta' l-obbligi tal-Knisja Parrokkjali tagħna li din il-festa kienet diġa' ssir sa mis-sena 1699. (5)

L-obbligu għal din il-festa ġie mħolli minn Gio Marija Vassallo u minn martu Marija, kif talab ir-Rev. Dun Tumas Vassallo fl-Atti tan-Nutar Feliċ Grech tal-25 ta' Mejju 1749. Dan l-obbligu jitlob li nhar il-festa tat-8 ta' Mejju titqaddes quddiesa kantata. (6)

Mill-1812 'il quddiem, jissemma li flimkien mal-quddiesa kantata beda wkoll isir l-għasar ta' lejlet il-festa. (7)

SILTIET MILL-ISTORJA
TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

FESTA TA' SAN BARTILMEW APPOSTLU

L-ewwel darba li nsibu din il-festa msemmija hu fis-sena 1741. Kif diġa' semmejna, fuq dan l-artal ta' San Mikiel kien hemm il-kwadru ovali tal-Appostlu San Bartilmew. Il-festa ta' dan l-appostlu taħbat nhar l-24 ta' Awissu. Din il-festa kienet tikkonsisti fl-għasar ta' lejlet il-festa u quddiesa kantata nhar il-festa. Fis-sena 1741 l-għasar ta' lejlet il-festa mexxieh il-Kappillan Dun Marju Tonna u l-Quddiesa Kantata għamilha Dun Gianmari' Cardona. (8) Dan l-obbligu ħallietu l-mejta Grazzja Zarb. (9)

FESTA TAL-KUNĊIZZJONI

Il-kwadru li kien hemm fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru ta' San Mikiel u li jirrappreżenta l-Kunċizzjoni ta' Marija Verġni, kellu obbligu li ssir fuq dan l-artal Quddiesa Kantata bid-daqq ta' l-orgni. (10)

FESTA TA' L-EPIFANIJA

Il-kwadru l-ieħor ovali li kien hemm in-naħa tax-xellug tal-kwadru ta' San Mikiel, u li jirrappreżenta l-Adorazzjoni tas-Slaten Maġi, kellu l-obbligu li jsiru l-primi vespri u quddiesa kantata nhar is-6 ta' Jannar, festa ta' l-Epifanija. (11)

FESTA TAL-PREŻENTAZZJONI TA' MARIJA

Dan l-artal ta' San Mikiel kellu l-obbligu li nhar il-festa tal-Preżentazzjoni ta' Marija, taħbat nhar il-21 ta' Novembru, isir l-għasar ta' lejlet il-festa u quddiesa kantata fil-jum tal-festa. (12)

FESTA TAD-DULURI

Ma' dan l-istess artal ta' San Mikiel Arkanġlu, kien hemm obbligu li fir-Randan issir il-festa tas-Seba' Duluri ta' Marija Santissma. Kienu jsiru l-primi vespri u quddiesa kantata.(13)

OBBLIGU IEĦOR

Mis-sena 1803 insibu obbligu li kien marbut ma' dan l-artal li jitħallas skud fis-sena lill-knisja tal-Kunċizzjoni ta' l-Imsida. (14)

IL-FRATELLANZA TA' SAN MIKIEL

Il-fratellanza ta' San Mikiel Arkanġlu twaqqfet kanonikament fil-Parroċċa ta' Ħal Balzan fis-sena 1728. Ir-regoli u statuti huma miġbura fi ħmistax-il kapitlu. (15)

Skond Digriet tal-Logotent, il-Kanoniku tal-Kattidral Mons. Gejtanu Grech, din il-fratellanza kienet reġgħet twaqqfet mill-ġdid. Għalhekk nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru 1777, qabel l-għasar ta' lejlet il-festa ta' San Mikiel, fuq l-artal saret il-professjoni solenni tal-fratelli ġodda.

Kull tieni Ħadd tax-xahar kienet issir priedka għall-fratelli kollha. (16)

REFERENZI

1. Lib. 41 fol. 4
2. Ibid. Cit. fol. 13
3. Lib. 67 p.76 Ark. Parr.
4. Ibid. Cit.
5. Lib 41. Ark. Parr.
6. Lib. 11. Ark. Parr.
7. Lib. 67 p.86. Ark. Parr.
8. Lib. 6. p.75. Ark. Parr.
9. Lib. 11. Ark. Parr.
10. Lib. 67 p.76. Ark Parr.
11. Ibid. Cit.
12. Ibid. Cit. p.100
13. Ibid. Cit.
14. Ibid. Cit.
15. Lib. 70. Ark. Parr.
16. Lib. 67. Ark. Parr.

DAN IS-SAJF MUR VAGANZA MA'
ALBERTOURS
Bookings u programmi:
ALBERT McCARTHY
BALZAN
Tel: 43294/45792
ALBERTOURS — GARANZIJA TA'
ATTENZJONI
PERSONALI

TOP
SHOP
(Salvu Deguara)
FI TRIQ IL-KBIRA
L-AĦJAR ĦANUT
TAL-GROCER
F'ĦAL BALZAN

F'egħluq l-għaxar snin mill-

FESTI CENTINARJI TAL-BINI TAL-KNISJA - 1669 - 1969

Fl-1969 Hal Balzan iċċelebra t-tielet Ċentinarju tal-bini tal-Knisja Parrokkjali u l-ewwel ċentinarju tal-vara ta' Marija Annunzjata minquxa fl-injam mill-iskultur Mastru Salv Dimech fl-1868. Saru festi kbar sew fil-knisja kif ukoll barra, kif kien jixraq lil dawn iż-żewġ avvenimenti li nkitbu fl-istorja ta' Hal Balzan b'ittri taċ deheb. Billi fl-1969 il-gazzetta tagħna "Hal Balzan" kienet għadha ma twelditx, għalhekk ħsibt li nikteb dwar dak li sar fil-ħarġa ta' din is-sena, sewwa sew għeluq l-għaxar snin, biex b'hekk jibqa' mniżżel dak li sar f'dawn il-festi ċentinarji, li damu sejrin mis-7 sal-15 ta' Ġunju.

Bħala thejjija għal dawn il-festi, nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju kienet maħruġa l-istatwa ta' Marija Annunzjata minniċċa tagħha, fost daqq tal-qniepen sbieħ tagħna u ta' l-orgni li kienu akkumpanjati wkoll b'kaxxa nfernali tal-murtali tal-bomba u logħob ieħor tan-nar ta' l-ajru. Għal din l-okkażjoni, il-knisja kienet maħnuqa bin-nies, kollha bi tbissima fuq wiċċhom u qalbhom mimlija ferħ biex jaraw l-istatwa ħelwa ta' Sidtna Marija mħabbra mill-Anġlu titqiegħed fil-post tagħha fil-ġranet tal-festi. Il-poplu preżenti deher li kien imħejji għal dawn il-festi straordinarji li jsiru għal xi okkażjoni mhux tas-soltu, għax il-festa titulari tagħna hi l-akbar avvenimet għall-Balzanin kollha, sew dawk li joqogħdu fir-raħal kif ukoll dawk li huma mxerrda fi bnadi oħra ta' Malta, billi dawn ma jonqsux li jżuru raħal twelidhom fil-jiem tal-festa ta' Marija Annunzjata, Omm tagħna u tagħhom.

L-għada l-Hadd, 8 ta' Ġunju tajna bidu għal dawn il-festi ċentinarji bi translazzjoni solenni bir-relikwa tal-Madonna, li tmexxiet minn Monsinjur Mikiel Gonzi, Arċisqof Metropolita ta' Malta. Għal din l-okkażjoni, it-translazzjoni ħarġet mill-knisja ta' l-Istitut tal-Bon Pastur, għaddiet minn Triq Sisner, Triq San Valentinu u Triq il-Kbira, u baqgħet sejra għall-Knisja Parrokkjali. Wara tkanta l-għasar, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Iffunzjona n-novell Patri Alfred Borg OC.

F'dan il-jum il-banda ċittadina "La Vallette" għamlet marċ minn ħdejn il-għassa ta' Hal Lija u baqgħet nieżla minn Triq il-Kbira għal fuq iz-zuntier tal-knisja, fejn esegwiet programm mużikali fost folol kbar ta' nies li ġew għall-okkażjoni. Dak in-nhar saret mixegħla ġenerali. Fil-ħin tat-translazzjoni ġie sparat salut u kaxxa nfernali u tul il-marċ tkompla l-logħob tan-nar ta' l-ajru. Għalqu dan il-jum il-murtali tal-kulur.

It-Tnejn, 9 ta' Ġunju, kien jum il-morda. Fis-7.00 ta' filgħodu saret quddiesa kantata. Il-funzjoni għall-morda bdiet fis-6.00 ta' fil-għaxija. Il-voluntieri li offrew is-servizz tal-karozzi tagħhom bdew iwasslu l-morda biex jieħdu posthom fil-knisja. Meta l-morda kienu kollha f'posthom saret quddiesa letta bil-kant mill-kor parrokkjali. Sar it-tqarbin u t-tberik tal-morda u ċelebrazzjoni Ewkaristika. Iffunzjona Mons. Mikiel Azzopardi, Direttur tal-Hidma għall-Morda ta' l-Azzjoni Kattolika. Din il-ħidma saret bil-ko-operazzjoni tal-Kummissjoni Parrokkjali Hidma Morda ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa. Waqt iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika ġew sparati murtali tal-bomba, u logħob tan-nar ta' l-ajru ieħor.

It-Tlieta 10 ta' Ġunju, sar dan il-programm:
Fis-7 ta' fil-għodu saret quddiesa kantata. Fis-6 ta' filgħaxija kien hemm ir-Rużarju u ċelebrazzjoni tal-kelma t'Alla u fis-6.45 saret quddiesa letta bil-kant għall-familji tal-Parroċċa, kif ukoll ċelebrazzjoni Ewkaristika. Iffunzjona Mons. Emm. Vella, Arċidjaknu tal-Katidral Metropolitan ta' Malta. Din il-ħidma kienet organizzata mill-Kunsill Parrokkjali. Iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika kienet akkompanjata mill-isparar tal-murtali tal-bomba.

L-Erbgħa, il-Hamis u l-Ġimgħa, 11, 12 u 13 ta' Ġunju, kienu jiem tat-tridu. Fis-7.00 ta' fil-għodu saret quddiesa kantata bil-vuċijiet. Fis-6.00 ta' filgħaxija sar għasar bil-vuċijiet u fis-6.30 p.m. quddiesa letta bil-kant u l-omelija, kurunella, Innu, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fit-tlett ijiem iffunzjonaw saċerdoti differenti: Patri Viċenz Portelli O.P., kappillan tal-Parroċċa ta' Gwardamanġa, Kan. Lorenzo Mifsud, arċipriet tal-belt Vittoriosa, u Dun Alwiġ Deguara, li kien arċipriet tas-Siġġiewi, rispettivament. Fil-ġranet tat-tridu komplew il-festi ta' barra. Fl-ewwel jum tat-tridu saret mixegħla ġenerali u l-Banda "San Gabriel" tal-Parroċċa ferrħet it-toroq ewlenin tar-raħal b'marċi brijużi, fil-waqt li ġew sparati kaxxa nfernali u logħob ieħor tan-nar. Fit-tieni jum tat-tridu sar kollox bħall-jum ta' qabel. F'dan il-jum saru marċi mill-Banda 'San Ġużepp' tal-Hamrun fil-waqt li fl-aħħar jum tat-tridu kienet il-Banda "San Gabriel" li għamlet il-marċi mat-toroq ewlenin tar-raħal. Minn barra l-logħob tan-nar ta' l-ajru li sar bħall-jumejn ta' qabel, kien hemm in-nar ta' l-art fi Triq l-Annunzjata maħdum minn dilettant Balzani.

Is-Sibt fis-7.30 a.m. saret quddiesa kantata solenni bil-mużika u wara tkanta Te Deum u l-Antifona. Mill-4.30 p.m. 'il quddiem kien hemm konfessuri barranin għall-kumdità ta' l-irġiel u tan-nisa. Fis-6.30 p.m. sar għasar prelatizju, kompieta u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Il-funzjoni kienet immexxija minn Mons. Francesco Xuereb.

Dak in-nhar fis-7.30 saru marċi mill-Banda "San Gabriel" tal-Parroċċa, li wara daqqet programm mużikali fuq iz-zuntier tal-knisja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmelo Briffa. Ġie esegwit l-"Innu lil Marija Annunzjata", versi ta' Dun Frans Camilleri u mużika tal-Kav. Dun Karm Scerri. Hadu sehem il-kor tat-tfajliet mill-Parroċċa. Fl-istess ħin ukoll, jiġifieri fis-7.30 p.m., saru marċi mat-toroq tal-parti t'isfel tar-raħal mill-Banda "Duke of Connaught" ta' B'Kara u wara l-istess banda għamlet programm f'Misraħ Hal Balzan.

Dak in-nhar ma naqasx li d-dilettanti tan-nar jakkumpanjaw il-funzjonijiet tal-knisja f'ħinijiet xierqa u addattati. Għalhekk waqt it-Te Deum ġiet sparata kaxxa nfernali, murtaletti u logħob tan-nar. F'nofs in-nhar neqsin kwart u waqt iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika ġew maħruqa murtali tal-bomba u murtaletti u logħob ieħor tan-nar. Imbagħad għall-ħabta ta' l-10.00 p.m. bdew il-murtali tal-kulur li kienu numerużi u ta' kwalità tajba. Meta spiċċaw il-murtali tal-kulur inħaraq in-nar ta' l-art maħdum minn Ġanni ta' Hal Kirkop u, appena spiċċa n-nar ta' l-art, inħarqet kaxxa nfernali tal-kulur.

Il-Hadd 15 ta' Ġunju, jum il-festa, sar quddies lett bl-omelija u bit-tqarbin fl-4.50, 5.30, 6.30 u 7.30. Fit-8.30 saret Konċelebrazzjoni fl-Istitut tal-Bon Pastur u fil-11.30 a.m. kienet l-aħħar quddiesa letta bl-omelija fil-parroċċa. Fid-9.00 beda l-kant tat-terza. Tqaddset Quddiesa Pontifikali mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Emmanuele Gerada, Isqof Koadjutur ta' Malta, li fiha niseġ il-paneġirku l-Eċċellenza Tiegħu Rev., ma Monsinjur Emmanuel Galea, Isqof ta' Tralles u Vigarju Ġenerali. Fil-ħamsa ta' wara nofs in-nhar sar għasar bil-mużika, kompieta, purċissjoni,

• għal paġna 6

Tagħrif miġbur minn VALENTINO MUSCAT

Il-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan, sempliċi imma sabiħa, li nbniet bejn is-snin 1669 u 1695.

BALLANTINE'S

SUPERB

SCOTCH WHISKY

Sole Agents:

ALBERT V. MALLIA LTD.

32, ST. PAUL'S STREET, VALLETTA

Tel. No. 624310/26629

EL GRECO STUDIO

6, POPE URBANUS VIII STREET,

BALZAN

Għal pitturi mill-isbaħ fuq it-tila, veduti, uċuh, u xeni ta' Malta.

Naħdmu wkoll 'frames' ta' kull daqs.

SKARPOLI

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben

IRRIKORRU GHAND SKARPOLI
TA' TRIQ IL-KBIRA, HAL BALZAN

Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuh ġodda tal-krakar.

Hinijiet:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m.
Is-Sibt mit-8.30 a.m. sa nofs inhar.

TRIQ F'ĦAL BALZAN TISSEMMA GĦAL

GUZE BONNICI

KITTIEB MALTI

Bosta mkejjen 'l hawn u 'l hinn f'Ħal Balzan, li bosta mill-Balzanin anzjani dari jiftakru bħala ġonna jew egħlieqi privati, illum ħadu xejra differenti għal kollox. Qiegħda nirreferi għall-bini ġdid, vilel u 'flats' li telgħu f'inħawi bħal, ngħidu aħna, l-egħlieqi ta' wara l-knisja. Din il-parti 'ġdida' f'Ħal Balzan qiegħda tiżviluppa ġmielha bi triqat ġodda jagħtu għall-Pjazza, għal 'Triq il-Wied' u għal 'Triq it-Tliet Knejjes'. Sa ftit taż-żmien ilu waħda minn dawn it-triqat kienu għadhom isibuha b'għadd ta' ismijiet: "New Str. behind Parish Church", "New Str. Off Balzan Square", "New Str. off Annunciation Str." kif ukoll bħala "New Str. off Three Churches Str."

Ftit ilu din it-triq ingħatat l-isem l-ġdid ta' "Triq Ġużè' Bonnici'. Naħseb li ftit huma dawk il-Balzanin li jafu min kien dan Ġużè' Bonnici u l-għala t-triq issemmiet għalih.

Ġużè' Bonnici twieled il-Belt Valletta nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awissu 1907, it-tieni fost erba' aħwa. Missieru u ommu kienu t-tnejn min-Nadur, Għawdex. Ġużè' studja fl-Iskola Primarja tal-Gvern il-Belt stess u wara fis-Seminarju t'Għawdex (1918-1923).

Huwa ssokta l-istudji tiegħu fl-iskola Sekondarja ta' San Pawl, il-Belt, fejn temm il-kors tal-Matrikola u fl-1924 daħal għall-kors tal-Mediċina fl-Università, minn fejn ħa l-lawrja ta' Tabib, fl-1931.

Ġużè' Bonnici trabba f'ambjent kollu kemm hu Malti, u għalhekk ma setax jonqos li jibqa' marbut ma' lsien art twelidu minkejja l-fatt li daħal l-Università. Student ta' l-istess fehmiet ta' Bonnici u fl-istess kors miegħu kien Rużar Briffa. F'dan iż-żmien Rużar Briffa kien diġà beda jagħmel isem għalih bil-poeżiji tiegħu li ta' sikwit kienu jidhru fil-**Pronostku Malti.**

Fl-istess żmien Guże' Bonnici tħajjar jikteb xi ħaġa bil-Malti hu wkoll f'forma ta' poeżija "Fuq Qabar Ommi", li ddedikaha lil sieħbu Rużar

Kitba ta'
NORA SAMMUT B.A. (Hons.)

Briffa. Din l-ewwel poeżija ta' Bonnici dehret fil-**Pronostku Malti** ta' 1927.

In-numru ta' poeżiji li kiteb huwa żgħir wisq, iżda ta' min isemmi l-kitba tiegħu tan-novelli u l-erba' rumanzi li laħaq kiteb. Qed nuża t-terminu 'laħaq kiteb' għaliex Ġużè' Bonnici miet qasir il-għomor ta' 33 sena. Iżda f'ħajtu laħaq ta kontribut siewi ħafna fil-qasam letterarju u xieraq li wieħed jiftakru għall-ħidma tiegħu li sal-lum mhi xejn magħrufa. Fl-1931, Ġużè Bonnici u Rużar Briffa, flimkien ma' għadd żgħir ta' studenti oħra, waqqfu l-Għaqda tal-Malti, Università, li għadha ħajja u attiva sal-lum. Ġużè' Bonnici kien l-ewwel Segretarju ta' l-'Għaqda' l-ġdida u ko-editur ma' Rużar Briffa, tar-rivista ta' l-istsss 'Għaqda', **Leħen il-Malti**.

L-ewwel pubblikazzjoni ta' Ġużè' Bonnici kien ir-rumanzett **Imħabba u Mibegħda** (1927), waqt li n-novelli tiegħu nsibuhom imxerrda 'l hawn u 'l hinn fir-rivisti **Il-Malti** u **Leħen il-Malti** bejn is-snin 1926-1931. Fost l-aqwa novelli soċjali-psikoloġiċi li kiteb ta' min isemmi "Ġenn", "Bħal Socrate", u "Toninu". Bonnici kien iħobb jesperimenta b'kull għamla ta' kitba u ħadem bis-sħiħ biex jara l-letteratura ta' żmienu toktor u tixtered fost il-poplu, imċaħħad għal żmien twil minn kotba ta' livell letterarju. Barra mir-rumanzett **Imħabba u Mibegħda**, Guże' Bonnici kiteb tliet rumanzi oħra: **Il-Qawwa ta' l-Imħabba** (1939), **Helsien (1940)**, u **Lejn Ix-Xemx** li ħalla manuskritt u li deher għall-ewwel darba f'**Il-Berqa** ta' l-1958. Bħala tabib, Ġużè' Bonnici ma naqasx li jipprova jwassal ftit mit-tagħlim li kiseb hu, lill-poplu. B'dan il-ħsieb f'moħħu, huwa ħareġ żewġ kotba xjentifiċi bil-Malti. **It-Trobbija tat-Tfal** (1932), u **Il-Ġmiel ta' Ġisimna** (1939).

Punt ieħor importanti huwa bla dubju ta' xejn id-dramm mhux magħruf li Ġużè' Bonnici kiteb fl-1930, **L-Imħabba aktar Mill-Hajja** li baqa' midfun u minsi sal-ġurnata tal-lum. Dan id-dramm Bonnici beda jistampah fl-1940 bħala

GUZE' BONNICI (1907-1940)

parti mill-"Ġabra ta' Kitba Maltija" li tagħha huwa kien l-editur, iżda miet qasir il-għomor u d-dramm baqa' nofsu mitbugħ.

Barra mill-ħidma tiegħu ta' tabib u ta' kittieb, f'żgħożitu Ġużè' Bonnici kien attiv ukoll fil-politika ta' żmienu. Huwa kien jemmen bis-sħiħ li l-Partit tal-Haddiema kellu s-setgħa li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-poplu. Ta' żagħżugħ kuxjenzjuż li kien beda jattendi kull laqgħa ta' l-Eżekuttiv u nħatar segretarju tal-kumitat distrettwali tal-Belt fl-1929. Fl-1930, imqanqal mill-politika mħawda ta' żmienu, tħajjar jikteb l-**Istorja tal-Partit tal-Haddiema**, ktieb li barra milli hu dokument storiku siewi fih innifsu, jixħet dawl fuq il-karattru, it-twemmin u l-prinċipji ta' dan il-bn edem.

L-1938-40, fil-fehma tiegħi, huma l-aktar snin importanti fil-ħajja ta' Ġużè' Bonnici, għaliex kien f'dan iż-żmien li waqqaf il-"Ġabra ta' **Kitba** Maltija"; pubblikazzjonijiet ta' livell letterarju li tagħhom hu kien l-editur. Ġużè' Bonnici kien tal-fehma li biex **il-Malti**

● għal pagna 7

ID-DITTA

FARRUGIA ENTERPRISES

103, NAXXAR ROAD, BALZAN

Qiegħda toffri SKONT SPEĊJALI għal waqt it-TRADE FAIR fuq LINEF, BRAZZI, FANALI, STATWI, MINJATURI, INKWADRI, MIRJA, MOBBLI, u SALOTTI TA' BARRA, eċċ.

Għalhekk ipprofitta ruħek minn din l-okkażjoni u asal wasla sa:

Stand Numru E.53B

jew sal-ħwienet tagħhom.

KERAMIT

BUILDERS' AND PLUMBERS' MERCHANTS

IL-WIED BIRKIRKARA

Fejn issibu:
BANJIJIET KULURITI, FRISKATURI TAL-WIĊĊ, W.C., ŻEBGHA TA' L-ILMA, u MADUM IKKULURIT.

4, OLD CHURCH STREET, B'KARA
Toħorġu bi prezzijiet konvenjenti.
Telephone: 42336

SOMBRERO
VICTOR

PASTIZZERIA FOR ALL OCCASIONS

SPECIALIST FOR RAVJUL DAILY, GHAGINA, PIZZA, QASSATAT.

215, VALLEY ROAD, BIRKIRKARA **TELEPHONE: 41457**

JOE AQUILINA - REBBIEĦ TAL-KONKORS TAL-MARĊI 31 TA' MARZU 1979

Fost il-konkorsi li saru f -lokkażjoni tal-31 ta' Marzu 1979, dak tal-marċi ntrebaħ miż-żagħżugħ minn Ħal Balzan, Joe Aquilina, li kkompona l-marċ "Gżira tas-Sliem". Lis-Sur Aquilina aħna diġa fraħnielu, iżda nerġgħu ntennu x-xewqat sbieħ tagħna f'isem il-qarrejja u l-Balzanin kollha. U, bħalma ktibnielkom fl-aħħar ħarġa, lil Joe għamilnielu dawn il-mistoqsijiet li huwa għoġbu jwieġeb bil-pjaċir kollu.

Joe, għaliex fost il-konkorsi li ġew organizzati kien dak tal-marċi li dħalt għalih?

Jien kieku iżjed xtaqt li nidħol fil-konkors tal-kanzunetti, però billi kont diġa' ktibt xi snin ilu x-xogħol "Gżira tas-Sliem" bi stil kemxejn majestuż, għedt aħjar jindaqq bil-banda u kor milli minn kantant wieħed. Fil-fatt jien kont ktibt "Gżira tas-Slem" xi ħames snin ilu meta, wara mawra sal-Laboratorju tal-Paċi f'Ħal Far, kien ġieni l-ħsieb kemm tkun ħaġa siewja kieku aħna l-Maltin inqisu 'l artna kollha bħala "laboratorju" tal-paċi, jiġifieri pajjiż fejn nespermimentaw it-triqat li jwasslu għas-sliem. Bħal ħafna kompożizzjonijiet oħra li għamilt u għad ma sibtx l-okkażjoni nsemmagħhom, hekk ukoll kien dan l-innu li meta mbagħad ġie mniedi l-Konkors tal-31 ta' Marzu 1979 deherli li l-ħsibijiet li kont niżżilt jaqblu mal-aspirazzjonijiet tal-okkażjoni, dik li Malta tkun użata bħala ċentru għall-paċi.

Naħseb li m'hijiex ħaġa ħafifa li bniedem waħdu jikkomponi l-versi u l-mużika ta' innu. X'tgħidilna dwar dan?

Mill-parabbola tat-talenti, fejn is-sinjur qassam ammont differenti ta' talenti (flus ta' żmien Kristu), aħna l-Insara nemmnu li Alla jagħti 'l kulħadd doni biex jużahom għall-ġid ta' ħaddieħor. Mhux faċli nispjega lil ħadd — lanqas lili nnifsi — kif jiġuni l-kliem u l-melodija ta' l-innijiet u kanzunetti li nikteb, ħlief li nemmen li huma rigali li Alla irid jagħti 'l ħafna nies permezz tiegħi. Fil-fatt jien ma nafx tejorija tal-mużika u biex niftakar kif tindaqq melodija li nkun għamilt niddependi totalment minn nitfa ta' "cassette" li jservini ta' memorja. Normalment, jien wara li nagħmel il-kliem flimkien mat-"tune" immur għand il-kitarrist, sieħbi Charles Borg, li jsib il-"chords" fuq il-kitarra tiegħu. F'dal-każ, wara li nkitbet l-armonija sħiħa afdajt kollox f'idejn il-Banda Santa Liena ta' Birkirkara li, taħt it-tmexxija tas- Surmast, magħruf sewwa f'Ħal Balzan, is-Surmast Clemente Sciberras, flimkien mal-Kor ta' Dun Vinċenz Demicoli esegwiet l-Innu/Marċ fuq it-"television". Ngħid għalija, din kienet esperjenza interessanti fis-sens li tgħallimt fil-prattika l-valur li meta grupp ta' nies jaħdmu b'sagrifiċċju għal idejali, u ma jfittxux l-interessi personali tagħhom, dawn ikollhom issuċċess mixtieq. Fil-fatt, għalkemm kont ftehemt mill-bidu mal-Kumitat tal-Banda li jekk nirbħu, il-premju jmur kollu għas-Soċjetà huma kienu ġentili biżżejjed li qatgħuli l-ispejjeż kollha u tawni souvenir kbir tal-fidda.



JOE AQUILINA

Joe, intlaqa' tajjeb ħafna l-kliem ta' l-Innu tiegħek. Kellek xi messaġġ partikulari li xtaqt twassal?

Xtaqt inwassal ix-xewqa tiegħi u ta' ħafna li f'pajjiżna jsaltan iżjed sens ta' mpenn għall-paċi u t-tolleranza. Il-fatt li l-politikanti Maltin qablu dwar it-tmiem ta' bażi militari f'Malta għalija hu sinjal ta' konverġenza li għandha turina li l-futur tagħna jiddependi prinċipalment fuq l-armonija ta' bejnietna l-Maltin u l-armonija mal-popli qrib tagħna u anke mbiegħda. Issa, barra d-dimensjoni politika — li, frankament, ma tantx nifhem fiha — jien ħarist lejn il-potenzjal li l-poplu Malti għandu bħala poplu, fil-biċċa l-kbira minnu Nisrani prattikanti. Jekk kull individwu-Nisrani jitlob bis-serjetà 'l Alla t-talba li sikwit ngħidu fil-Quddiesa: "Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek", issib li l-maġġoranza tal-Maltin ikunu awtomatikament qed jitolbu: "Mulej, agħmilna agħmel lil Malta — strument tal-paċi tiegħek". Nistgħu ngħidu li l-"vokazzjoni nazzjonali" tagħna hi dik li nkunu ħaddiema tal-paċi. Aħna, li fil-Magħmudija sirna fi Kristu l-ulied ta' Alla, għandna nitgħallmu npoġġu fil-prattika kliem Kristu: "Henjin (jew imberkin) dawk li jġibu s-sliem għax jissejħu l-ulied ta' l-Aktar Għoli." Għalkemm fuq skala nazzjonali, ħafna jiddependi mill-mexxejja tal-pajjiż, fuq bażi individwali kulħadd irid ikollu l-kuraġġ li jqaċċat minn ħajtu kull sinjal ta' mibegħda lejn dawk li jqis li huma l-għedewwa (jew, kif jissejħu fil-lingwaġġ modern, l-avversarji) tiegħu. Il-gwerer fid-dinja, li jibdew fl-aħħar mill-aħħar fil-qalb ta' l-individwu, jistgħu jgħosfru biss meta jien u int u l-ieħor niddeċiedu darba għal dejjem li rridu l-imħabba, irridu l-paċi, irridu 'l Kristu. Għalhekk il-messaġġ li xtaqt nagħti hu dan: Inħarsu lejn il-passat, naraw li l-iżjed li missirijietna ngħaqdu kien fi żmien ta' gwerra. Illum jeħtieġ nistenbħu u nagħrfu s-sejħa, li nemmen li Alla qed jagħmlilna, biex inkunu poplu iżjed magħqud minn qatt qabel mhux għall-ġlied imma għall-paċi.

Kurjuż in-'nom-de-plume' li għażilt għall-Innu tiegħek! X'ġiegħlek tagħżel in-'nome-de-plume': "Leħen il-Maħbub"?

Dan in-nom-de-p l u m e għażiltu peress li ftakart li meta kont fil-M.U.S.E.U.M. u konna nikkwotaw mill-Vanġelu konna nirreferu għal kliem Kristu bħala "Leħen il-Maħbub". Issa fil-kliem ta' l-innu li ktibt hemm addattament ta' kwotazzjoni mid-diskors imsejjaħ tal-Muntanja, fejn il-ħidma favur il-paċi hi msemmija bħala waħda mit-tmiem bejatitudnijiet li, kif jafu ħafna, huma rappreżentati fis-salib tradizzjonali Malti bi tmien ponot. Xtaqt għalhekk nagħti l-unur lil min jistħoqqlu, jiġifieri lil-Leħen tal-Maħbub tagħna, Ġesù Kristu.

Għid is-sew, qatt stennejt li se tkun ir-rebbieħ ta' dan il-Konkors?

Ngħiduha kif inhi, kieku kien hemm f'moħħi li ma kienx hemm ċans ma kontx nieħu sehem mill-ewwel. Ħafna minn ħbiebi pero' kienu għamluli ħafna kuraġġ għax kienu ta' l-ideja li l-Innu kien fih "popular appeal", kemm fil-kontenut tal-kliem, kemm fl-istil tal-mużika tiegħu. Jien kelli l-fiduċja li diment li l-ġurija tagħżlu ma' l-għaxra finalisti, bil-propoganda organizzata mill-Kumitat ħabrieki tal-Banda, kellna ċans tajjeb. Meta smajt li d-disgħa l-oħra kollha dehru ta' stoffa, però xorta bqajt nemmen li tagħna kien l-iżjed bilanċjat. Hawn ma rridx ninsa nirringrazzja lil dawk kollha, speċjalment Balzanin u Karkariżi, li wrew l-apprezzament tagħhom billi vvutaw f'numru hekk kbir li ġabilna r-rebħa.

X'kienet ir-rejazzjoni tiegħek mal-aħbar li kont irbaħt il-konkors tal-marċi?

Eżatt eżatt ma nafx! Imma dak il-ħin kont mat-tfajla fl-istudjo tat-television u li naf żgur hu li tbissimna tbissima ta' sodisfazzjon u fl-istess ħin

• għal paġna 8

LIL ĦBIEBKOM LI JIĠU MINN BARRA

GĦAL XI VAGANZA

IRRAKKOMANDAWLHOM

MOLLY'S GUEST HOUSE

FIRST CLASS

BED AND BREAKFAST

72, BALZAN VALLEY,

BALZAN — MALTA

Telephone: 41296

MUSCAT FLORA

POPE ALEXANDER JUNCTION

BALZAN Tel: 42479

Din id-Ditta hija Fergħa tal-GIARDINO ALLEGRA ta' Catania

MUSCAT FLORA PET SHOPS

18, TRIQ BRITANNIA, VALLETTA

Telephone: 27512

Infornukom bi kwalunkwe pjanti u siġar ornamentali, basal u żrieragħ tal-fjuri u tal-ħxejjex, demel artifiċjali, terriċċju, insettiċidi, pompi u b'kulma huwa meħtieġ għall-ġonna u l-qsari, saħansitra kotba ta' tagħlim fuq il-ġonna u l-Pets tagħkom.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —

SAQQIJIET

IMHADED

CUSHIONS U AFFARIJIET

OHRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)

Telephone: 36275/76

MUNDLOS - Vigorelli

L-AKTAR MAKNA TAL-ĦJATA AVVANZATA F'DIN ID-DINJA MODERNA

Barra l-pont tas-soltu din il-marka tagħmel ukoll:

★ AĠĠORN SINGLU U DOPPJU
★ VARJETA' TA' FANCY STITCHES SA 17 mm WIESGĦA
★ TISWIJA BIL-MILI AWTOMATIKA
★ IRFINAR PERFETT ANKE FUQ IS-SUF
★ KULL DAQS TA' AĊĊETTI
★ TWAĦĦIL TA' BUTTUNI
★ ZIG-ZAG + REFKI
★ XOGĦOL FUQ IL-LAZZ

Ara dawn il-makni meraviljużi għand:

MUNDLOS SEWING CENTRE

114, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA

APPREZZAMENT

ĠUŻEPPI SAMMUT

Ftit qabel nofs il-lejl nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 1979, il-minġel kiefer tal-mewt ħasad minn fostna lis-Sur Ġużeppi Sammut fl-eta' sabiħa ta' wieħed u tmenin sena, ikkonfortat bis-sagramenti mqaddsa, wara marda qalila li huwa laqa' b'rassenjazzjoni kbira, biex ruħu ttajret biex tidher quddiem il-Ħallieq tagħna sabiex tieħu minn għandu l-premju mistħoqq lilha.



Is-Sur Ġużeppi Sammut, jew aħjar kif inhu magħruf minna l-"Keti", kien Balzani fil-veru sens tal-kelma. Għalih Ħal Balzan u l-festa titulari tagħna kienu jiġu l-ewwel u qabel kollox. Hu ħadem kemm felaħ, mhux bil-kliem iżda bil-fatti, biex il-festa tagħna tirnexxi u tkun mill-aħjar.

Kien benefattur tal-knisja, kif qal il-Kappillan stess fl-orazzjoni funebri fil-quddiesa konċelebrata tal-funeral tiegħu. Minbarra dak li qal il-kappillan fid-diskors tiegħu, Ġużeppi ġabar u ħadem miegħi biex għamilna ż-żewġ settijiet fjuretti tal-granotill li jintramaw fil-festa fl-artali tal-Madonna tal-Karmelu u ta' Marija Addolorata, u biex irranġajna l-lampier ta' quddiem l-artal maġġur. Fl-1948, meta ġiet il-qanpiena l-kbira huwa ħadem flimkien ma' erbgħa oħra biex dawru l-ħames qniepen l-oħra minn posthom u tellgħu l-qanpiena l-kbira f'postha — xogħol delikat u ta' responsabiltà li kien jitlob minnhom attenzjoni kbira.

Il-Keti kien jinteressa ruħu kemm fil-festi ta' ġewwa l-knisja kif ukoll fil-festi li jsiru barra. Naraw lil Ġużeppi jieħu ħsieb il-mużika tal-granet tat-tridu meta din kienet għadha f'idejn is-sekulari. Kont tarah jiġbor, jagħmel il-lotteriji u arbural biex ikun jista' jordna mużika sabiħa lis-surmastrijiet Anton u Pawlinu Nani. U hawn nista' ngħid, mingħajr ma noffendi s-sentimenti ta' ħadd, li dak li għamel hu, la għamlu ħadd qablu u lanqas warajh, u dan kien dovut ukoll għaċ-ċirkostanzi ta' dak iż-żmien, meta kien hemm anqas restrizzjonijiet fuq il-mużika li ssir fil-knejjes. Hu dam prokuratur tat-tridu, biex insejħulu hekk, għal bosta snin.

Ġużeppi mhux darba jew tnejn ħa ħsieb ukoll il-festa ta' barra. Ġabar, rama, u ħa ħsieb il-baned tal-festa fil-parti ta' fuq tar-raħal kemm-il darba, u dejjem ħabrek biex jagħmel mill-aħjar. Niftakar li kien hu li rama għall-aħħar darba d-disinn li narmaw illum mal-faċċata tal-knisja bit-tazzi taż-żejt. Dan kien fl-1925.

Jekk dawn l-affarijiet kienu għal qalb Ġużeppi, xejn inqas ma kien għal qalbu l-logħob tan-nar, irrid ngħid il-murtali. Dawn kienu l-għaxqa ta' qalbu u kien jiddeletta bihom sa minn meta kien għadu żagħżugħ. Barra li kien jaħdimhom flimkien ma dilettanti oħra, anke għal dawn ġieli ġabar aktar minn darba. U meta fl-aħħar saħħtu kienet naqsitu ħafna, l-hena tiegħu kien li jqatta' n-nofs ta nhari sħaħ iqatta' u jobrom l-iskrateċ għall-murtali tal-batteriji biex id-dilettanti tan-nar isibuhom lesti. Dan baqa' jagħmlu sa din is-sena stess. Fl-aħħar ċentinarju li għamilna, dak ta' l-1969, hu kien għamel minn butu l-batterija tat-Translazzjoni li kien fiha ma' l-elf murtal. Din il-batterija baqa' jagħmilha minn butu għal bosta snin wara, għalkemm bi kwantita' anqas minn dik taċ-Ċentinarju.

Wara dan kollu, l-għaxqa tiegħu kienet meta kien ikun taħt il-bastun tal-vara fil-purċissjoni ta' nhar il-festa, u dan baqa' jagħmlu sakemm saħħtu ppermettietlu.

Ġużeppi kien ferm u ferm attiv fil-Każin tal-Banda "San Gabriel", b'mod speċjali meta dan kien għadu fil-bidu tiegħu. Huwa kien fil-kumitat mhux darba jew tnejn, u dan mhux meta l-każin kien għadu fl-ewwel snin tiegħu, anke sa ftit tas-snin ilu. Huwa okkupa l-kariga sew ta'president kif ukoll ta' segretarju. Kemm dam fil-kariga tiegħu ta' segretarju, ħabrek u għamel li seta' biex issir il-bandalora sabiħa, irrakmata bid-deheb, għand is-sorijiet tal-Bon Pastur, li għadha waħda mit-teżori li jippossiedi l-każin tal-Banda "San Gabriel".

Ġużeppi llum ma għadux magħna, iżda ismu tniżżel fost dawk il-Balzanin li ħabbew lil art twelidhom u l-festa ta' Marija Annunzjata. Għalhekk żgur li ismu jibqa' jħaddar, jibqa' ħaj u ma jintesa qatt mid-dilettanti tal-festa. Filwaqt li nagħtu l-għomor lill-familjari tiegħu, nitolbu lill-qarrejja jitolbu għal ruħu.

VALENTINO MUSCAT.

IL-FESTI ĊENTINARJI TAL-1969

• minn paġna 3

ċelebrazzjoni Ewkaristika u benedizzjoni. Iffunzjona Mons. Francesco Xuereb. Il-mużika tat-8 ta' Ġunju tat-tridu u ta' nhar il-festa kienet tas-Surmastrijiet Paolo u Antonio Nani u kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Abel Calleja, Maestro di Cappella.

Dak in-nhar fil-5.00 p.m. saru marċi u programmi kif sejjer ngħid. Il-"Kings Own" għamlet il-marċ tagħha minn ħdejn l-għassa ta' Ħal Lija, għaddiet minn Triq il-Kbira għal fuq iz-zuntier tal-knisja, fejn imbagħad esegwiet il-programm tagħha. Il-Banda "Sant'Elena" ta' B'Kara għamlet il-marċi tagħha fit-toroq tal-parti t'isfel tar-raħal u wara esegwiet il-programm tagħha f'Misraħ Ħal Balzan. In-nobbli Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zammit, li dak iż-żmien kien għadu magħna f'din id-dinja, ma naqasx li jagħmel il-parti tiegħu f'dawn il-festi ċentenarji. Barra milli rama t-toroq tiegħu bħas-soltu, ġab il-Banda "San Pawl" ta' San Pawl il-Baħar. Din daqqet fi Triq San Valentinu ħdejn il-villa tiegħu. Il-baned żejda li kien hawn fiċ-ċentinarju, jiġifieri dik tal-Ħadd 8 ta' Ġunju u dik ta' l-ewwel jum tat-tridu ħadu ħsiebhom id-dilettanti tal-Każin tal-Banda "San Gabriel". Dik tat-tieni jum tat-tridu ħa ħsiebha r-Rev. Kan. Dun Karm Sciberras, Kappillan ta' Ħal Balzan.

In-nar f'dan il-jum kien bi kwantità ferm aktar mis-snin ta' qabel. Anke waqt il-marċijiet ġew sparati l-murtaletti. Fil-ħruġ tal-vara ma naqasx is-salut tas-soltu, kaxxa nfernali spanjola u tul il-purċissjoni kollha ma naqsux il-murtaletti, murtali tal-bomba, beraq pront, murtali tal-kulur, u fl-aħħar kaxxa nfernali tal-kulur. In-nar kien kollu maħdum mid-dilettanti Balzanin tal-Każin tal-Banda "San Gabriel" taħt id-direzzjoni tas-Sur Valentino Azzopardi.

Il-festi ċentinarji għaddew, kif tgħaddi kwalunkwe ħaġa li tibda u fl-aħħar jasal it-tmiem tagħha. Ħaġa waħda biss nista' ngħid dwar dawn il-festi ċentinarji. Dawn il-festi kienu proprju inċentiv għad-dilettanti tal-festa tagħna biex għollew ferm il-livell tal-festa li qiegħda ssir fir-raħal tagħna u għamluha festa kbira u sabiħa minn kull aspett tagħha.



BORG CARDONA & CO. LTD.
TRIQ DR. ZAMMIT, BALZAN
Telephone: 42698
GHAL KULL MA TEHTIEĠU
GHALL-ANNIMALI U
L-ĠONNA TAGHKOM.

BEBE
L-AQWA HANUT
GHALL-HWEJJEĠ
TAT-TFAL

REAL LEATHER
BOOTS . . . SHOES . . . SANDALS . . .
BAGS . . . BELTS . . .
Fantastic colours to choose from and
made-to-measure (in any size)
ZAMMIT LA ROSA FOOTWEAR LTD.
GOOD SHEPHERD AVENUE, BALZAN
Telephone: 41082

ĠUŻE' BONNICI

• minn paġna 4

jiġi f'tiegħu u jistagħna. ħtieġlu qabel xejn jibni letteratura fuq sisien sodi. Dan l-għan seta' jitwettaq bis-saħħa ta' ħruġ ta' kotba ta' livell letterarju, miktuba b'ortografija waħda, sabiex il-poplu Malti jkollu f'idejh mhux aktar dawk l-għadd ta' kotba sentimentali u drammatiċi iżda oħrajn imfassla fuq il-ħajja ta' kuljum kif igħixuha l-Maltin. Fis-sentejn li Ġuże' Bonnici dam jaħdem fuq dan il-proġett, laħaq stampa għadd ġmielu ta' kotba li għadhom magħrufin sal-lum bħal: **Leli ta' Ħaż-Żgħir**, ta' Ġuże Ellul Mercer (1938), **Taħt Tliet Saltniet** tal-Professur Ġuże Aquilina (1938), **Is-Salib tal-Fidda** ta' Wistin Born (1939) u t-tliet volumi ta' l-Għana ta' Dun Karm, 1. **X'Ħabb u x'ħaseb il-Poeta**, 2. **X'Emmen il-Poeta** u 3. **X'Għamel iżjed il-Poeta** (1939-40).

Fil-bidu ta' l-1940, Bonnici marad u ntbagħat l-isptar fejn dam xahar sħiħ. Hekk kif seta' jmur lura d-dar, il-Belt, bdew jinħassu l-effetti tat-Tieni Gwerra Dinjija hawn Malta wkoll, u mat-tixrid ta' l-ewwel bombi fuq Malta, Ġuże Bonnici flimkien mal-familja tiegħu telqu mill-Belt u ġew joqogħdu bħala refuġjati f'Ħal Balzan f'dar fi Triq il-Kbira. Il-familja tiegħu għadha toqgħod hemm sa llum. Fl-istess żmien martu welldet l-ewwel tifel fil-familja, li Bonnici ma tantx laħaq gawda għaliex miet ftit taż-żmien wara fl-eta' ta' 33 sena, fis-6 ta' Ottubru 1940, fl-isptar Bugeja, il-Ħamrun.

Kien wisq xieraq għalhekk li bħala turija ta' ringrazzjament u rikonoxxenza tal-ħidma sfiqa ta' Bonnici f'diversi oqsma soċjali jissemma u jingħata ftit importanza li qatt s'issa ma ngħatatlu l-aktar fir-raħal fejn għadda l-aħħar jiem ta' ħajtu.

Referenza:

SAMMUT, Nora: Ġuże' Bonnici — Ħidmietu u Kitbietu. Teżi għall-B.A. (Hons), Università ta' Malta, 1974.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Fil-ħarġa ta' qabel din, ktibtilkom dwar kemm hu dmir tagħkom bħala ċittadini Maltin li tkunu ta' unur għal pajjiżkom billi kull wieħed minnkom jitgħallem l-iskola mill-aħjar li jista' u wrejtkom kemm il-Ġnus Magħquda qed tonfoq somom kbar ta' flus biex tnaqqas l-injuranza fost tant miljuni ta' tfal imxerrda mad-dinja kollha.

Il-lum xtaqt niktbilkom dwar dmir ieħor li kull wieħed minna għandu jħabrek li jaqdih b'ħiltu kollha. Nifhem ngħid li kull tifel u tifla għandu jkollhom f'moħħhom u f'qalbhom dik il-ġibda lejn ix-xogħol, mhux biss tal-moħħ iżda wkoll tal-id, li permezz tiegħu aktar 'il quddiem jistgħu jaqilgħu l-għixien tagħhom u tal-familja.

Għal dan il-għan ukoll il-Ġnus Magħquda qed tagħmel minn kollox biex f'dawk il-pajjiżi li għadhom lura fit-tagħlim tas-snajja' tibagħtilhom b'xejn għalliema bravi u makkinarju mill-aqwa biex it-tfal kollha jkunu kapaċi jitgħallmu xi sengħa li permezz tagħha mhux biss jistagħna aktar il-pajjiż imma wkoll jonqos il-problema tal-qgħad u kulħadd isib okkażżjoni tajba fejn jista' jaqla' l-għixien tiegħu.

Hawn Malta, għall-grazzja t'Alla, ma nistgħux ngħidu li m'għandniex skejjel tas-snajja' mgħammra biż-żejjed b'dak kollu li hu meħtieġ biex tiġi mgħallma kull sengħa, jew li m'għandniex għalliema bravi biż-żejjed fis-suġġett tagħhom. B'dana kollu għad għandna numru mhux żgħir ta' żgħażagħ li la huma kapaċi jimpjegaw ruħhom bl-iskola u lanqas għandhom l-inqas ħjiel ta' xi sengħa. Jindaħlu għal kollox u m'huma kapaċi għal xejn, bħal ma jgħidu l-Ingliżi: "Jack of all trades, master of none".

Missirijietna kellhom ideja kbira tas-siwi tax-xogħol, u għalkemm fi żmienhom ma kellhomx il-mezzi li għandna llum b'dana kollu rnexxielhom jagħmlu opri kbar li forsi anke li kellhom isiru fi żmienna kien ikun hawn min jaqta' qalbu. Minħabba l-faqar kbir li kien hawn, min kien għażżien ma setax igħix ħajja twila u għalhekk kulħadd kien imidd idejh biex jagħmel xi ħaġa li taqlagħlu l-għixien tiegħu.


Il-qawl Malti jgħid: "Tgħallem mitt sengħa u agħmel waħda". Dan ifisser li għalkemm għandna nispeċjalizzaw f'xi sengħa partikulari, b'dana kollu ma nagħmlux ħażin li jkollna xi tagħrif siewi ta' snajja oħra. Min hu mekkanik ma jfissirx li m'għandux ikun jaf kif jisserra dritt biċċa njama, u min hu mastrudaxxa jista' wkoll ikun jaf jiżbogħ bieb jew ibajjad kamra. It-tagħlim tkun taf kemm jiswa meta tiġi bżonnu u dak li taf tagħmel int żgur li tagħmlu aħjar milli jagħmilhulek ħaddieħor. Meta tiġi bżonn in-nies tkun taf kemm tiswa li tkun tgħallimt xi ħaġa. Hawn min twieled sinjur u miet fqir għax f'ħajtu qatt ma tgħallem jagħmel xejn, u hawn min twieled fqir u miet sinjur għax fi ċkunitu nteressa ruħu jitgħallem jagħmel xi ħaġa.

Għalhekk, għeżież tfal, fittxu dejjem li titgħallmu xi sengħa li lejha tħossukom miġbuda u agħmlu minn kollox biex tkunu bravi fiha, u żommu għajnejkom dejjem miftuħa għal dak ix-xogħol li jkun qed jagħmel ħaddieħor biex tieħdu minnu dak il-ftit tagħrif li tistgħu imma li fil-ġejjieni tagħkom żgur li jkun jiswielkom ħafna.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

F'din il-ħarġa speċjali tal-festa titulari tagħna, ħsibna li nagħmlulkom it-tisliba tas-soltu. Dan nagħmluh bi skop. Aħna nkunu rridu minn għandkom li ssibu xi kelma li jkollha x'taqsam mal-festa ta' l-Annunzjata, jiġifieri meta l-Arkanġlu Gabriel ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla. Għalhekk din id-darba, jekk intom timlew tajjeb il-kliem kollu mill-ewwel kelma sat-tmien waħda, issibu fil-kaxxi mmarkati bl-iswed skur l-isem tal-belt fejn Marija Santissma ġiet imħabbra mill-Arkanġlu Gabriel, fejn il-lum hemm Bażilka ġdida u sabiħa ferm u li fil-kripta tagħha għad hemm l-għar fejn ġara dan l-avveniment. Mela ppruvaw imlew il-kliem skond dan li ġej u toħorġu l-kelma li tlabniekom.



1. **Din fil-festa jdendluha ma' l-antinjoli.**
2. **Mhux nadif.**
3. **Il-kuntrarju ta' titla'.**
4. **Nefqa.**
5. **Wieħed li jagħti l-paga lill-ħaddiema.**
6. **Xi żmien qabel il-festa dan isir fit-toroq tar-raħal.**
7. **Purtier mingħajr l-aħħar ittra.**
8. **Wieħed mill-għaxra li Alla niżżel fuq iż-żewġ twavel ta' Mose'.**

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 21 ta' Lulju, 1979.

It-tweġiba ta' l-aħħar kompetizzjoni kienet: (1) Triq il-Kbira u Triq Providenza. (2) L-isem proprju hu l-Madonna tal-Providenza. (3) Aħna nsibuha bl-isem tal-Madonna tar-Rummiena. (4) Rummiena. (5) Il-Madonna qed terfa' l-Bambin b'idha x-xellugija.

Ir-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni hu Brian Psaila, ta' "Casa Lautano", N/S off Annunciation Str., Hal Balzan.

GEORGE VELLA
VALLEY BUTCHER
121, Valley Road, Balzan
FOR FIRST CLASS MEAT
AND SERVICE
Telephone: 40266

JOSEPH BARTOLO
100, VALLEY ROAD, BALZAN
Dealers in: Fresh Flowers and Plants! Suppliers to Messes, Hotels, Clubs, English and Foreign and Private Families.
Orders for: Fresh Flowers, Wedding and Complimentary Fancy Bouquets promptly executed at the shortest notice and at Very Moderate Charges.
Telephone: 42694
Għal fjuri friski, bukketti ta' tiġijiet u okkażjonijiet oħra, irrikorru għand din id-ditta.

GRECH'S LTD.
154, ST. SEBASTIAN STR., QORMI Tel. 47015
97, NAXXAR ROAD, BALZAN Tel. 41367
A full range of wall and floor ceramic tiles in 40 different designs and styles has just arrived for you to suit your choice. We also specialise in luxurious bathroom suites, English and Continental, in 21 different colours.
GENERAL MATERIAL FOR USE IN THE BUILDING INDUSTRY
Everything is offered to you to build your future bathroom with prices to suit your pockets.
Sole Agents for:
HADRIAN and SYNFLAT Emulsion Paints, CERAMICA VENUS, WESTEN Products, CERAMITAL, SAMCA and KERAMOS Tiles.

PROFILI BALZANIN — 17

PAWLU GRIMA



Pawlu Grima twieled Birkirkara fis-7 ta' Diċembru 1935, minn Antonio u Evangelista, imwielda Chetcuti. Studja fl-Iskola Primarja ta' Hal Balzan u Hal Lija, f'Pace School of Commerce, il-Belt, kif ukoll fl-iskola ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ fejn studja d-disinn. Bħal'issa, huwa jaħdem fl-"Independence Print" b'kariga ta' Sales Representative tal-gazzetti Nazzjonalisti.

Sa minn ċkunitu, Pawlu Grima wera li għandu interess kbir fil-qasam Balzani tant li ta' eta' żgħira nsibuh membru fil-Kumitat taċ-Ċirkolu Kristu Re, fejn flimkien ma' oħrajn kien imidd idejh fix-xogħol tax-xenarju tal-palk, kif ukoll jaħdem it-teatrin. Huwa kien ukoll membru fil-Każin San Gabriel u kien imidd idejh fuq xogħol tal-karrijiet għall-Karnival flimkien ma' Gabriel Caruana, Freddie Muscat u oħrajn. Pawlu kien ukoll membru fil-Kumitat tal-"Balzan Youths F.C."

Fl-1954, is-Sur Grima daħal membru fil-Każin Marija Annunzjata u f'Ottubru ta' l-istess sena huwa ġie elett membru fil-Kumitat. Fl-1956, huwa ġie elett President ta' l-istess Soċjetà, kariga li għadu jokkupa sal-lum. Bejn l-1955 u l-1956, huwa rranġa u żebagħ l-armar tal-festa li jħaddan dan il-każin, flimkien ma' oħrajn. Huwa kellu parti attiva wkoll fl-organizzazzjoni tal-konsagrazzjoni tas-Soċjetà Marija Annunzjata li saret fit-8 t'Ottubru 1961, kif ukoll ħadem bis-sħiħ biex l-istess każin għamel il-festi tal-ħamsa u sebgħin sena mit-twaqqif tiegħu u li kienu saru fid-9 ta' Mejju, 1965.

Pawlu ħa ħsieb ukoll jagħmel disinn ta' sett drapp tal-bandalori, komplit bil-pavaljuni, u wara li l-istess disinn ġie approvat mill-kumitat huwa ntefa' b'ruħu u ġismu fuq dan ix-xogħol li ilu sejjer mill-1974, u issa qiegħed joqrob għall-final megħjun mill-mara tiegħu stess. Dan ix-xogħol Pawlu qiegħed jagħmlu bla ħlas.

Lis-Sur Grima, insibuh jinteressa ruħu wkoll fil-politika tant illi fl-1958/59 inħatar membru fl-ewwel eżekuttiv tal-M.Ż.P.N. Fl-1968/69 kien jieħu ħsieb iċ-ċirkulazzjoni ta' "Il-Poplu", gazetta tal-Partit Nazzjonalista.

Is-Sur Grima ikkontesta l-Elezzjonijiet Ġenerali ta' l-1966, l-1971 u ta' l-1976 mal-Partit Nazzjonalista. Fil-qasam politiku huwa ħadem kemm felaħ biex jirranġa l-ambjent Balzani u hekk insista ħafna dwar dan. Huwa ħadem ukoll biex isiru 'cables taħt l-art ħalli l-parti ta' fuq ta' Hal Balzan tkun tista' tinxtegħel matul il-festa. Fil-preżent lis-Sur Pawlu Grima nsibuh jokkupa diversi karigi fosthom: president tal-Każin Maria Annunzjata; president onor. Dukes Sombreros Sports Club, B'Kara; president onor. M.Ż.P.N. Balzan; membru fil-Kumitat tal-P.N. Balzan, membru fil-Kunsill tal-P.N. u rappreżentat ta' Hal Balzan fil-kumitat tad-distrett tal-P.N.

Is-Sur Grima huwa miżżewweġ lil Carmen, nee' Sciberras, u għandhom żewġt itfal, Tonio u Stephano.

"THE ROBE"

mill-Balzan Stage Amateurs

Sur Editur,

Rajna 'Il-Libsa ta' Kristu' (The Robe) mill-'Balzan Stage Amateurs', fis-Sala tagħna Aurora, nhar il-Hadd, 8 ta' April 1979.

Kien dramm li tassew jagħmel ġieh lill-Kumpanija, lis-Sala u lil Hal Balzan kollu. Jiena rajtu milqut b'kollox, dak li hu 'acting', xenarju, il-bies, dawl u mużika. Nista' nobsor li din kienet biċċa xogħol kbira għall-Kumpanija, u jien u l-Balzanin ninkoraġġuhom biex jagħtuna iżjed produzzjonijiet bħal dawn. Nixtieq nagħti prosit lil kull min ħa sehem mingħajr ma nsemmi ismijiet, li ma mmurx inħalli lil xi ħadd barra, għax kien jistħoqq lil kulħadd.

Meta mort nibbukkja ftit ġranet qabel il-'Play' ħadt qatgħa għax sibt il-pjanta bbukkjata aktar minn nofsha. Qaluli li privates bin-nies minn Ħaż-Żabbar kienu bbukkjaw tliet ġimgħat qabel; sewwa, u jien minn Hal Balzan u ħallejt sa l-aħħar ġranet! Darba'oħra naħseb qabel.

Peress li jien dilettant ħafna tal-festa wkoll, ma nistax ma nsemmix l-għaxqa li ħassejt waqt id-dramm bil-biċċa xogħol għaqlija li għamel il-'Producer' Victor Bartolo waqt li għażel il-'cast'. Dan kien billi daħħal f'partijiet addattati għalihom, nies attivi mill-Każini tal-festa, li jiena ċert li ħadu pjaċir jaħdmu flimkien biex f'Hal Balzan joħroġ suċċess dan id-dramm.

Jiena nħoss li dan għandu jservina ta' tagħlima biex 'il quddiem ningħaqdu u niftiehmu flimkien jekk irridu li kull ma nagħmlu lir-raħal tagħna jkun suċċess.

Nixtieq lill-'Balzan Stage Amateurs' ikollhom aktar konkorrenza u entużjażmu mill-Balzanin, għax dawn jaħdmu bis-sħiħ. Kulħadd jieħu tagħlima mid-drammi li jagħmlu u kulħadd jiddeverti mill-varjetà li jagħtu; għalhekk inżommu d-data tagħhom vojta, u dik in-nhar immorru s-Sala tagħna u nieħdu pjaċir naraw programmi li tassew jagħtu ġieh lir-raħal tagħna Hal Balzan.

Balzani min-naħa tan-nofs.

Intervista ma'

JOE AQUILINA

• minn paġna 5

ta' tnejn li donna ma ridniex nemmnu l-kliem li konna għadna kemm smajna. Meta mbagħad ingħajjatt għall-premju, naf li għalkemm għamilt sforz fuqi nnifsi ħa nżomm kalm meta ġejt biex inwieġeb il-mistoqsijiet li bdiet tagħmilli l-Ministru kont qed naqbeż minn ġewwa bl-eċċitament!

L-aħħar mistoqsija; għandek xi pjanijiet oħra għall-ġejjieni dwar kitba ta' marċi u innijiet?


Marċi, fis-sens kif nifhmuhom is-soltu aħna, jiġifieri għall-banda biex jindaqqu fil-festi, m'għandix ħsieb li nikteb. Iż-żmien limitat li jifdalli wara x-xogħol u l-ħafna attivitajiet li għandi bi ħsiebni niddedikah biex inkompli nikteb mużika 'folk' reliġjuża biex tintuża għall-gruppi tat-talb u għall-quddisiet "folk". Hawn nixtieq insemmi li dalwaqt joħroġ ktieb fis-serje "Hosanna" li sa jkun fih għall-ewwel darba selezzjoni tajba mill-innijiet tiegħi.

Bħalissa qed naħseb biex flimkien mal-grupp li niffurma parti minnu, l-"Evanjerichos", noħorġu diska, iżda billi għadna l-ewwel darba qed noħduha daqsxejn bil-mod ħalli dak li nagħmlu nagħmluh bi standard tajjeb. Qiegħed ukoll inżid għanjiet ġodda tal-Milied biex, jekk Alla jrid, intellgħu programm fuq it-television fuq it-tifsir nisrani tal-festa tradizzjonali tal-Milied.

Mill-bqija, il-grupp "Evanjerichos" ninsabu mpenjati mhux ħażin: daqqa għal fuq il-Cable Radio għall-programm "Sejħa lill-Morda" u daqqa f'diversi okkażjonijiet li fihom inkunu mistiedna biex nagħtu "talk" bis-songs tagħna bħala bażi. Aħna nimxu fuq policy ċara li mmorru għand liema soċjetà, organiżżazzjoni jew grupp li jkun, basta nagħmluha ċara mill-ewwel li se mmorru mhux biex nipprovdu divertiment imma biex nagħtu l-messaġġ nisrani. Hi ħasra li din il-kwalità ta' xogħol hawn ftit nies li jidħlu għalih: għalhekk nieħu din l-opportunità biex nappella 'l kull min jaf il-mużika biex ma jidfinx it-talent tiegħu bejn l-erba' ħitan ta' daru imma jagħti daqqa t'id lill-Knisja ta' Kristu f'Malta u joffri s-servizz tiegħu (jew tagħha) kemm għal daqq jew kant waqt il-quddies, kemm għal xogħol tattip tagħna. Ngħid għalija, napprezza kieku nsibu kantanti jew min idoqq xi strument bħal, ngħidu aħna, kitarra, organ, pjanu, flawt jew accordian li jkun lest jaħdem magħna ħa nwasslu l-Vanġelu permezz tal-kant.

PROFILI BALZANIN — 18

CHARLES CHETCUTI



Charles Chetcuti twieled Hal Balzan fit-28 ta' Mejju 1937, minn Salvatore u Marija, imwielda Buhagiar. Fi tfulitu huwa attenda l-iskola primarja tal-Gvern ta' Hal Lija u Hal Balzan u meta għalaq l-erbatax-il sena daħal jaħdem bħala sagristan fil-Knisja ta' Hal Balzan, fejn wara li waqa' minn fuq is-sellum u weġġa saqajh huwa ddeċieda li jagħmel kors ta' 'electrician' fl-Industrial Training Centre tal-Marsa. Meta kkwalifika beda jaħdem waħdu ta' 'electrician' bħala kuntrattur.

Wara xi żmien insibu lil Karlu, kif huwa magħruf fostna, jaħdem bħala sagristan fil-kolleġġjata ta' San Pawl il-Belt fejn dam għal sena oħra. Fl-1959 huwa ngaġġa fl-Armata Ingliża u ġie stazzjonat fit-234 Signal Squadron, il-Furjana. Fl-istess sena huwa siefer l-Ingilterra fejn għamel kors ta' 'Telephone Mechanic'. Meta ġie lura huwa kompla x-xogħol tiegħu ma' l-istess skwadra sa kemm spiċċa bħala pensjonant fl-1978.

Karlu minn dejjem kien jieħu interess fil-qasam Balzani u minn ċkunitu nsibuh attiv fil-Każin Marija Annunzjata kif ukoll jieħu interess fil-festa ta Marija Annunzjata. Ta' erbatax-il sena beda jieħu ħsieb l-armar tal-festa fil-parti t'isfel ta' Hal Balzan. Ta' sittax-il sena, jiġifieri fl-1953, huwa u oħrajn armaw xi wħud mittoroq ta' Hal Balzan meta r-Reġina Eliżabetta għaddiet minn hawnhekk. Kien matul iż-żjara li huwa beda jibdel il-'cables' li jintużaw fil-parti t'isfel fi żmien il-festa peress li kienu qdiemu mhux ħażin. Ta' tmintax-il sena, huwa daħal soċju fil-Każin Marija Annunzjata u fl-istess sena Karlu ġie elett Segretarju Onorarju ta' l-istess Soċjetà — kariga li għadu jżomm sal-lum .Minbarra x-xogħol tiegħu bħala segretarju, Karlu flimkien ma' oħrajn baqa' dejjem jieħu ħsieb l-armar tal-festa — xogħol li ilu jagħmel għal dawn l-aħħar tlieta u għoxrin sena. Kien huwa li ħareġ bl-ideja li għandhom isiru l-pavaljuni għan-naħa t'isfel ta' Hal Balzan, biċċa xogħol li aktar tard kellha titwettaq mis-Sur Pawlu Grima, li huwa l-President tal-Każin Marija Annunzjata.

Charles Chetcuti kien ukoll membru fil-Kumitat Ċiviku.

APPELL

Nagħmlu appell lill-qarrejja kollha sabiex ikunu aktar ġenerużi fl-offerta tagħhom ta' din id-darba minħabba l-ispejjeż kbar ta' din il-Ħarġa Speċjali. Grazzi ħafna.

Il-Bord Editorjali.

BALZAN BUTCHER SHOP

FALZON BROS.

107, MAIN STREET,

BALZAN